**3 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Carmela Barbara

*versus*

Avukat Dr. Alfred Mifsud et. ne.

**Separazzjoni Personali — Adulterju — Alimenti.**

*F'kawża ta' separazzjoni personali, fejn tiġi pronunzjata l-firda bejn il-konjuġi minħabba ħtija tat-tnejn, mhux neċessarjament l-mara titlef id-dritt għall-alimenti kontra r-raġel jekk hija tkun ikkommettiet adulterju. D'n id-dekadenza hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li tapplikaha jew le skond iċ-ċirkustanzi tal-każ.*

*Fil-każ preżenti, avvolja l-mara kienet ħatja ta' adulterju, il-Qorti kkundannat lir-raġel jissoministralha l-alimenti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa, u mogħtija l-provvediment kollha xierqa, premess illi l-imsemmi żewġha rrenda ruħu ħati ta' adulterju, sevizji, minaċċi u nġurji gravi, talbet (a) li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mħabba ħtija tal-imsemmi żewġha kif fuq rappreżentat; (b) li l-konvenuti nomine jbatu l-komminazzjonijiet kontemplati fl-art.

56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili; (c) u li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi, għall-manteniment tagħha u tal-imsemmija wliedha minuri, retta alimentarja fl-ammont, ħin u lok li jiġu fissati minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine, inklużi l-ispejjeż tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Irriżulta illi f'Jannar tal-1956 l-attriċi marret l-Ingilterra fejn żewġha l-konvenut Paolo Barbara, biż-żewġt itfal Consiglio, il-lum ta' ħames snin, u Joseph ta' erbgħa snin. L-attriċi sabet li l-konvenut kien jgħix ma' mara oħra, li minnha kellu almenu tifel. Meta l-attriċi kien sejra jkollha t-tieni tarbija hawn Malta, il-konvenut kien ħadilha d-dar lil dik il-mara, bl-iskuża li biex iddur biha, u in segwitu mar jgħix magħha l-Ingilterra. Huwa ma kienx jmantni lill-attriċi u lit-tfal, tant li hi kienet tgħix b'dak li kien jibgħatilha missierha, sakemm fit-18 ta' Marzu 1957 hija telqet mill-Ingilterra u ġiet lura Malta;

L-istess konvenut ammetta fix-xhieda tiegħu (*fol.* 27 u 32) li kien u għadu jgħix ma' dik il-mara u li għandu minnha tifel, u anki illi mid-29 ta' Novembru 1957 huwa ma mantniex lill-attriċi u lit-tfal;

Fil-21 ta' Marzu 1958 lill-attriċi twieldetilha hawn Malta tifla, li ġiet imsemmija Rita, u fl-ewwel ta' Diċembru 1958 il-konvenut ġie Malta;

Il-konvenut ikkontenda li l-attriċi kkommettiet adulterju u li t-tifla Rita mhix bintu. Matul il-kawża, il-konvenut ippropona azzjoni ta' diskonoxximent f'dan ir-rigward; u din il-Qorti, diversament presjeduta, b'sentenza tat-30 ta' Ġunju 1959, li għaddiet ġudikat, iddikjarat illi l-imsemmija tifla mhix bint il-konvenut odjern, u ordnat il-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid tal-istess tifla;

Ikkunsidrat;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi mhix aktar possibbli l-konvivenza bejn il-kontendenti, ħtija tal-konkubinat tal-konvenut, u anki tal-adulterju tal-attriċi; u hekk hemm lok għall-akkoljiment tat-talba tal-attriċi għas-separazzjoni personali mill-konvenut. Hemm anki lok għall-komminazzjonijiet fil-konfronti tal-konvenut kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra dik rigward il-manteniment taħt l-inċiż (d) tal-art. 56(1), għall-konsiderazzjonijiet li ser isiru;

In kwantu għat-talba għall-manteniment, il-konvenut hu obligat jgħaddi l-manteniment għat-tfal Consiglio u Joseph, li qegħdin mal-attriċi. Huwa, però, mhux tenut imantni lit-tifla Rita, li ġiet dikjarata mhix bintu. Tibqa' l-kwistjoni dwar it-talba tal-attriċi għall-manteniment tagħha, darba li hija wkoll ikkommettiet aduterju;

L-art. 60 tal-Kodiċi Ċivili jagħti diskrezzjoni lill-Qorti jekk il-komminazzjonijiet tal-art. 56, 57 u 58 għandhomx jiġu applikati, f'kollox jew f'parti, jew xejn, meta l-konjuġi jkunu t-tnejn responsabbli tal-firda. Hekk, anki l-ħtija tal-adulterju tista', skond iċ-ċirkustanzi, ma twassalx għat-telf tal-manteniment. F'leġislazzjonijiet oħra, bħal dik taljana (art. 156 C.C.) u dik franċiża għall-każ ta' separazzjoni (art. 612 C.C.), il-konjuġi li jkun fil-ħtija ma jitlefx id-dritt għall-alimenti mill-konjuġi l-ieħor, in virtù talobligu tal-assistenza reċiproka li ż-żwieġ stess iġib miegħu. Fil-liġi maltija, il-konkors ta' ħtijiet miż-żewġ naħħiet jagħti lill-Qorti l-fakoltà tad-diskrezzjoni;

F'dan il-każ, il-Qorti tifhem li ma għandhiex tiċħad it-talba tal-attriċi għall-manteniment tagħha mill-konvenut, għalkemm anki hija kkommettiet adulterju. Kien il-konvenut li beda biex daħħal fid-dar konjugali lil dik il-mara, li wara siefer u għix magħha, u kellu t-tfal minnha, u li għalliha ħalla lill-attriċi u ż-żewġt itfal bla manteniment. L-imġieba tal-konvenut bl-ebda mod ma tiġġustifika dik tal-attriċi, imma jibqa' li kien il-konvenut li kkrea sitwazzjoni favorevoli, jekk mhux ukoll induċenti, għall-iżball

tal-attriċi. Din il-Qorti setgħet tosserva illi l-attriċi hija per indole mara kwieta, u anki l-istess konvenut seta' jixhed li qatt ma ra għajn ħażina minnha. Fil-kwadru taċ-ċirkustanzi, din il-Qorti tħares lejn l-iżball tal-attriċi, għall-finijiet tat-talba għall-manteniment tagħha mill-konvenut, bħala mument ta' smarriment ta' mara, ġeluża kif inhija per natura, kondizzjonat mit-trattament u eżempju ħażin tal-konvenut. Baqa' fi kwalunkwe mument l-obligu tal-attriċi għall-fedeltà konjugali; imma l-imġieba tal-konvenut, li għadu jgħix ma' mara oħra, tinduċi lill-Qorti biex ma tiċħadx lill-attriċi l-manteniment tagħha mlil-konvenut, fl-istess ħin li ma tikkomminax kontra tiegħu d-dekadenza mid-drittijiet alimentari *fil-konfront tal-attriċi;*

In kwantu għall-kura tat-tfal tal-kontendenti, li baqgħu dejjem mal-attriċi, billi xejn ma rriżulta kontra l-kondotta tagħha fil-preżent, huwa xieraq li dawn ikomplu taħt il-kura tagħha;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi, billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejnha u bejn żewġha Paolo Barbara għall-ħtija tiegħu u anki tal-istess attriċi; tilqa' t-tieni talba, billi tikkundanna lill-konvenut għall-komminazzjonijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra dik tal-inċiż (d) tal-art. 56 ibidem; tilqa' t-tielet talba, billi tikkundanna lil-konvenut iħallas lill-attriċi bil-quddiem mil-lum fid-dar tagħha, għall-manteniment tagħha u tat-tfal. Consiglio u Joseph aħwa Barbara, pensjoni alimentari ta' £5 fil-ġimgħa, mqassam *£2* għall-attriċi u l-kumplament għaż-żewġt itfal bin-nofs bejniethom; u tiċħad l-istess talba in kwantu tirriferixxi għat-tifla Rita. L-ispejjeż jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attriċi.